**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru: 69/2013 MLF**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Lambusa Maritime Company Limited u b'digriet tal-20 ta' April 2015 giet imsejha fil-kawza s-socjeta' Mediterranean Semac Co. Ltd**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-awtorita' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erbat elef hames mija u disa' Euro u hamsa u erbghin centezmu (€4,509.45) rapprezentanti drittijiet tal-port diversi, inkluz drittijiet ta' rmigg (*berthage dues*), skont l-*istatement* of account anness mar-rikors promotur bhala "Dok A".

   Il-konvenuta Lambusa Maritime Company Limited giet interpellata kemm il-darba sabiex thallas l-ammonti dovuti minnha izda baqghet inadempjenti, anke wara li ntbaghtet ittra ufficjali datata 23 t'April 2012 ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, li l-intimata kkontestat "Dok B". L-ammont dovut baqa' jizdied, u l-ammont prezentement mitlub ikopri s-somma li kienet ghadha pendenti sad-data tal-*istatement*.

Bl-ispejjez gudizzjarji u *extra*-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz ta' l-ittra ufficjali imsemmija, kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skont il-ligi mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi s-socjeta' konvenuta ilha li spiccat minn agent tal-bastiment in kwistjoni li huwa l-bastiment Lambusa III (IMO 711182) registrata Cipru u ma baqalha l-ebda konnessjoni ma' l-imsemmi bastiment – fatt ilu li gie a konjizzjoni ta' l-awtorita' attrici.

3. Rat illi b'digriet datat 20 ta' April 20015 din il-Qorti laqghet it-talba tal-awtorita' attrici u ordnat is-sejha fil-kawza tas-socjeta' Mediterranean Samac Co. Ltd.

4. Rat illi ghalkemm debitament notifikata, s-socjeta' Mediterranean Samac Co. Ltd ma pprezentatx risposta, u lanqas deheret f'dawn il-proceduri.

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-awtorita attrici u tas-socjeta konvenuta. Ghalkemm is-socjeta kjamata in kjamata in kawza inghatat ukoll il-fakolta li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, hija naqset li taghmel dan.

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. Anthony Caruana, *Operations Manager* fid-Direttorat tal-Port u l-Jottijiet fi hdan l-awtorita' attrici, xehed li t-talba attrici tinkludi diversi hlasijiet dovuti lill-awtorita' attrici mis-socjeta' konvenuta li tagixxi bhala agent ghal diversi bastimenti, fosthom il-bastiment Lambusa III. Ix-xhud spjega li bdil fl-agenzija ta' bastiment ghandha tigi registrata mal-awtorita' attrici skond it-termini tar-

regolamenti. Ix-xhud spjega li minn komunikazzjoni li saret bejn l-awtorita' attrici u d-ditta legali li tirraprezenta s-sidien tal-bastiment Lambusa III, kien irrizulta li l-agent tal-bastiment kien Angelic Mifsud li huwa direttur tas-socjeta' konvenuta.[1]

ii. Mill-fatturi esebiti minn dan ix-xhud jirrizulta li t-talba attrici tinkludi hames fatturi relattivi ghal bastiment Nor Al Mostafa Al Domiatty, il-bastiment Abou Adam Al Domiatty, il-bastiment MFV Manuel u l-bastiment Emad Bakir Aldumyati.[2] Il-fatturi rimanenti huma kollha relattivi ghal drittijiet dovuti lill-awtorita' attrici mill-bastiment Lambusa III, u huma riferibbli ghal perjodu bejn id-9 ta' April 2010 u l-25 ta' Marzu 2013.[3]

iii. Angelic Mifsud, *Company Secretary* tas-socjeta' konvenuta, xehed li fl-2009 is-socjeta' konvenuta ma baqghetx tagixxi bhala agent tal-bastiment Lambusa III, u li fid-dati relattivi ghall-fatturi mertu tal-kawza kienet is-socjeta' Mediterranean Samac Co. Ltd li kienet qeghda tagixxi bhala agent ta' dan il-bastiment. Qal li r-rapprezentanti tas-socjeta' Mediterranean Samac Co. Ltd kienu l-familja Piscopo. Spjega li kemm l-awtorita' attrici u anke d-Dipartiment tad-Dwana kienu gew infurmati b'dan il-fatt. Kompla jixhed li meta s-socjeta' konvenuta bdiet tircievi l-fatturi relattivi ghal dan il-bastiment, huwa kien ghamel komunikazzjoni mas-sidien Ciprijotti tal-bastiment, u kien irrizultalu li kien hemm xi kwistjonijiet bejn is-sidien u s-socjeta' Mediterranean Samac Co. Ltd. Kien irrizultalu wkoll li l-bastiment kien sussegwentement gheraq gewwa l-port. Ix-xhud qal li wara li kien hemm din il-bidla fl-agenzija tal-bastiment Lambusa III, is-socjeta' konvenuta ma baqghetx aktar involuta.[4]

iv. Angelic Mifsud esebixxa diversi dokumenti fosthom:

---

[1] Ara x-xhieda ta' Anthony Caruana u l-korrispondenza immarkata bhala Dok AC1 a *fol.* 23 *et seq* tal-process.
[2] Ara l-fatturi immarkati minn TC3 sa TC6 a *fol.* 33 sa 37 tal-process.
[3] Ara l-fatturi immarkati TC7 minn *fol.* 38 sa 99 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' Angelic Mifsud a *fol.* 102 u 127 tal-process.

a) *Customs Class Overtime Sheets* tad-dipartiment tad-Dwana referibbli ghal perjodu bejn Lulju tas-sena 2009 u April tas-sena 2010, minn fejn jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet tigi ndikata bhala l-agent tal-bastiment Lambusa III u l-persuni li kienu jordnaw dan l-*overtime* kienu certu Shaun Piscopo u Leon Piscopo.[5]

b) *email* datata 18 ta' Frar 2010 mibghuta mill-istess xhud lid-Dipartiment tad-Dwana li permezz taghha infurma lid-dipartiment "*that lambusa martime shipping co ltd is only agent for fishing vessel lambusa iii.*" u li "*any clerances have to be signed by me … and stamped by our company*". [6]

c) *email* datata 23 ta' Frar 2010 mibghuta mis-socjeta' Mediterranean Samac Co. Ltd lil diversi ufficjali tad-Dipartiment tas-Sajd u ufficjali ohra tal-Gvern, dwar hut maqbud mill-bastiment Lambusa III.[7]

v. In kontro-ezami, x-xhud spjega li s-socjeta' konvenuta kienet tigi nkluza fil-korrispondenza relattiva ghal dan il-bastiment stante li s-socjeta' konvenuta kellha *service agreement* mal-Koperattiva tas-Sajd sabiex taghmel uzu mill-moll fejn kien jorbot il-bastiment Lambusa III, u li ghalhekk ma' dak il-moll kien ikun hemm ukoll bastimenti ohra li l-agent taghhom kienet is-socjeta' konvenuta.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-kawza odjerna tirrigwarda talba tal-awtorita' attrici ghal hlas ta' diversi ammonti dovuti lilha bhala drittijiet ta' rmigg u rati tal-port fir-rigward ta' diversi bastimenti, principalment il-bastiment Lambusa III. Dan qieghed jinghad stante li mill-fatturi esebiti mill-awtorita' attrici jirrizulta li l-ammont pretiz huwa ffurmat minn 66 fattura, li 61 minnhom huma relattivi ghall-bastiment Lambusa III. L-awtorita' attrici tinsisti li

---

[5] Ara Dok AM1 a *fol.* 114 tal-process
[6] Ara Dok AM6 a *fol.* 134 tal-process
[7] Ara Dok AM7 a *fol.* 135 tal-process
[8] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Angelic Mifsud a *fol.* 109 tal-process

t-talba taghha hija diretta lejn is-socjeta' konvenuta stante li din hija l-agent ta' dawn il-bastimenti.

9. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta mhux qeghda tikkontesta l-fatt li fi zmien precedenti ghal fatturi mertu tal-kawza hi kienet tagixxi bhala agent tal-bastiment Lambusa III. Il-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta hija fis-sens li mill-2009 'l quddiem hi ma baqghetx tagixxi bhala agent ta' dan il-bastiment u li dan il-fatt kien ingieb a konoxxenza kemm tal-awtorita' attrici u wkoll tad-Dipartimenti tad-Dwana. Tghid li s-successur taghha bhala agent ta' dan il-bastiment kienet is-socjeta' kjamata in kawza Mediterranean Samac Co. Ltd, u li ghalhekk s-socjeta' konvenuta ma kien baqalha l-ebda konnessjoni ma' l-imsemmi bastiment.

10. Il-Qorti tqis li ghalkemm is-socjeta' kjamata in kawza ma ntavolatx risposta u qatt ma dehret f'dawn il-proceduri, huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li dan il-fatt *semmai* jammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal ammissjoni tat-talbiet attrici.

11. L-awtorita' attrici tibbaza t-talba taghha fuq id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta), u b'mod partikolari l-artikoli 13 u 14 tal-Att li jippreskrivu hekk:

> *"**13.** Agent ta' bastiment, li jkun wettaq xi eghmil dwar il-bastiment li b'xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att huwa mehtieg li jsir jew li jkun dahal ghal jew ghamel xi hlas jew ha xi responsabbiltà dwar bastiment f'xi port, ghandu, ghall-finijiet ta' dan l-Att, jitqies li hu l-agent tal-bastiment, matul iz-zmien li l-bastiment jibqa' Malta:*
>
> *Izda l-agent ta' dak il-bastiment m'ghandux jibqa' jitqies bhala l-agent tal-bastiment kif hawn qabel imsemmi jekk is-sid tal-bastiment ikun bidel l-agent ta' dak il-bastiment, u jkun hatar agent iehor ghall-bastiment biex jirrapprezenta lill-bastiment waqt li l-imsemmi bastiment ikun ghadu jinsab Malta, f'liema kaz, l-agent tal-bastiment m'ghandux jitqies aktar bhala l-agent tal-bastiment mid-data tal-hatra tal-agent tal-bastiment sussegwenti, mis-sid tal-bastiment.*
>
> ***14.** (1) L-Awtorità ghandha tigbor id-drittijiet, ir-rati, il-hlasijiet u l-pagamenti li minn zmien ghal zmien jistghu jkunu preskritti.*

*(2) Il-persuni li gejjin ikunu responsabbli ghall-hlas ta' kull dritt, hlas jew pagament migbur taht dan l-Att:*
*(a) il-kaptan jew sid tal-bastiment;*
*(b) l-agent tal-bastiment, li jkun hallas jew ha r-responsabbiltà li jhallas xi hlas akkont ta' dak il-bastiment:*

*Izda l-obbligu tal-agent ta' dak il-bastiment ghal dawk il-hlasijiet m'ghandux jeccedi l-massimu tal-ammont li ghalih l-agent igawdi privilegg taht l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili."*

12. Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Schembri noe vs Frederick Frendo noe et** moghtija fl-14 ta' Jannar 2002, il-Qorti tal-Appell spjegat hekk dawn l-artikoli tal-ligi:

*"Il-kaz taht ezami pero' kien certament regolat mill-artikolu 38 tal-Att Dwar l-Awtorita' Marittima (Kap. 352) fuq citat illi ma setghax ma jigix kwalifikat bhala lex specjalis li tidderoga mill-ligi ordinarja u li expressis tirregola r-relazzjonijiet bejn l-agent tal-vapur u l-Awtorita' Marittima fir-rigward tal-hlasijiet mitluba minnha f'din l-istanza ghal "laid up fees". Rilevanti illi s-subtitolu ta' din id-disposizzjoni partikolari, deskrittiv tal-provvediment, hu illi "agent may not relinquish agencies". Dan ifisser illi kuntrarjament ghall-principju generali fuq accennat illi l-mandatarju seta' dejjem jirrinunzja ghall-mandat lilu moghti u minnu accettat, fil-kaz ta' agent ta' vapur, dan kien espressament vjetat mil-ligi sakemm il-vapur jibqa' Malta. Il-ligi dwar dan hi tassattiva, cara u univoka. L-agent kien obbligat jibqa' jagixxi ta' agent u jibqa' responsabbli ghall-obbligi tal-mandant tieghu, f'dan il-kaz is-sidien tal-vapur "for the purposes of this Act".*

*Dan ifisser illi filwaqt illi fir-rigward tar-relazzjonijiet tieghu ma' terzi persuni r-rinunzja tal-mandat tkun valida u torbot fil-ligi, fir-rigward ta' dawk id-drittijiet u obbligi li jinteressaw lill-istess agent fir-relazzjonijiet tieghu mal-Awtorita' Marittima dan kellu jitqies li ghadu agent nonostante kwalunkwe rinunzja li jaghzel li jaghmel. Mhux biss. Il-ligi riedet tkompli ticcara u tassigura dan il-principju billi fid-disposizzjoni sussegwenti tal-artikolu 39 tispecifika illi*

*fost il-persuni li kienu responsabbli ghall-hlasijiet ta' "any dues charges or fees levied under this Act" kien hemm espressament "2(b) the agent of the ship who shall have paid or* made himself liable to pay *any charge on account of such ship". Ovvjament din l-ahhar frazi sottolinejata tirreferi proprju ghall-kaz fejn wiehed ma kienx altrimenti jitqies li kien agent li kieku ma kienx ghaliex bil-komportament tieghu kien irrenda ruhu responsabbli ghal tali hlasijiet fit-termini tal-artikolu 38. Inoltre fis-subinciz 3 tal-artikolu 39 l-agent jinghata d-dritt li jzomm ghalih flejjes li jkun ircieva akkont tal-bastiment jew tas-sid sal-ammont li jkun hallas u spejjez ragjonevoli inkorsi b'rizultat ta' tali pagament jew responsabbilita'. Dana proprju biex jigi assigurat lill-agent illi jkun kopert ghal kull eventwalita' konsegwenzjali ghall-fatt li l-ligi zzommu responsabbli bhala agent ghaz-zmien li fih il-vapur jibqa' Malta indipendentement minn jekk ikollux jew le l-kopertura tal-mandant tieghu."*

13. Il-Qorti filwaqt li tosserva li fiz-zmien tas-sentenza citata l-artikoli in kwistjoni kienu enumerati b'mod differenti,[9] l-emendi li saru lil dawn l-artikoli ma jaffetwawx il-principji hemm stabbiliti, b'mod partikolari dak li fir-rigward ta' dak dovut mill-bastiment lill-awtorita', l-agent jibqa' responsabbli anke f'kaz li jirrinunzja ghal-agenzija tieghu, u jibqa' meqjus bhala l-agent tal-bastiment matul iz-zmien li l-bastiment jibqa' Malta.

14. L-aktar emenda rilevanti ghal fini tal-kawza odjerna hija iz-zieda ta' proviso wara l-Artikolu 13 li jispecifika li agent ta' bastiment ma jibqax jitqies bhala tali f'kaz li dan ikun inbidel mis-sid tal-bastiment u minfloku jkun inhatar agent iehor. Fil-fehema tal-Qorti, dan il-proviso ikompli jenfasizza l-principju enuncjat fis-sentenza citata li agent ma jistax jitlaq l-agenzija tieghu, u li biex dan isehh jehtieg li jkun hemm sostituzzjoni da parti tas-sid tal-bastiment b'agent iehor li jassumi l-obbligi minflok l-agent precedenti.

15. Fil-kaz odjern ma hemmx kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta li fil-passat hija kienet tagixxi bhala agent tal-bastiment Lambusa III. Fin-nota ta' sottomissjonijiet

[9] Bl-Att XV tal-2009, l-intestatura tal-Att inbidlet minn "*Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta*" ghal "*Att dwar il-Portijiet u Bastimenti*", u l-artikoli 29 sa 38 tal-Att gew enumerati mill-gdid bhala l-artikoli 4 sa 14.

taghha s-socjeta' konvenuta targumenta li l-awtorita' attrici naqset milli tipproduci registru jew records ufficjali tal-agent tal-bastiment u li qeghda tistrieh biss fuq *email* mibghuta mill-avukat ta' sid il-bastiment bhala konferma tal-agenzija tas-socjeta' konvenuta. L-*email* in kwistjoni hija dik datata 9 ta' Awwissu 2013 mibghuta lill-awtorita' attrici mid-ditta legali li tirraprezenta lis-sidien tal-bastiment u li tikkonferma li l-agent tal-bastiment kien Angelic Mifsud.[10]

16. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li fl-ewwel lok, fi procediment ta' din ix-xorta il-grad ta' prova mehtieg mhuwiex *lill'hinn minn kull dubju ragonevoli* izda l-prova trid tkun tali li tikkonvinci lil gudikant li l-allegazzjoni vantata mill-parti attrici tirrizulta mill-atti. F'dan il-kaz ma hemm xejn x'jista' jwassal lil din il-Qorti sabiex tiddubita l-awtenticita' tal-*email* esebita mir-rapprezentant tal-awtorita' attrici, li lanqas biss sarlu kontro-ezami. Fit-tieni lok, ladarba ma kienx ikkontestat li fil-passat is-socjeta' konvenuta agixxiet bhala agent, kien jispetta lilha l-oneru li tipprova s-sostituzzjoni taghha bil-hatra ta' agent iehor, u b'hekk tehles mill-obbligi imposti fuqha bis-sahha tal-ligi.

17. Mill-atti ma jirrizultax li matul iz-zmien li l-bastiment baqa' Malta, is-sid tal-bastiment bidel l-agent tieghu mis-socjeta' konvenuta u hatar agent iehor flokha. Dak li jirrizulta mill-atti huwa li permezz ta' *email* datata 18 ta' Frar 2010, Angelic Mifsud *company secretary* tas-socjeta' konvenut, ikkonferma mad-Dipartiment tad-Dwana li s-socjeta' konvenuta biss kienet l-agent tal-bastiment Lambusa III.[11]

18. Il-Qorti hija tal-konsiderata fehema li d-dokumenti esebiti mis-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma jikkorraboraw il-verzjoni moghtija minn Angelic Mifsud. Ghal kuntrarju, l-*email* datata 18 ta' Frar 2010 tikkontradici dak li xehed Angelic Mifsud stess meta jghid li mill-2009 'l quddiem s-socjeta' konvenuta ma baqghetx tagixxi bhala agent tal-bastiment Lambusa III. In oltre, mill-*Customs Class Overtime Sheets* jirrizulta li fil-perjodu bejn Lulju tas-sena 2009 u April tas-sena 2010, ghalkemm kienu certu Shaun u Leon Piscopo li ordnaw l-*overtime* hemm indikat, kienet is-socjeta' konvenuta li baqghet tigi indikata bhala l-agent tal-bastiment, tant li l-fatturi mid-Dipartiment tad-

[10] Ara Dok AC1 a *fol.* 23 tal-process.
[11] Ara Dok AM6 a *fol.* 134 tal-process.

Dwana kienu wkoll jinhargu lis-socjeta' konvenuta.[12] Minkejja li s-socjeta' konvenuta tallega li l-imsemmija Shaun u Leon Piscopo qatt ma kienu awtorizzati minnha biex jaghmlu dawn l-ordnijiet ghan-nom taghha, ghal ragunijiet li tafhom biss is-socjeta' konvenuta dawn il-persuni ma tressqux bhala xhieda f'dawn il-proceduri.

19. Finalment, l-*email* datata 23 ta' Frar 2010 mibghuta mis-socjeta' kjamata in kawza lid-Dipartiment tas-Sajd dwar hut maqbud mill-bastiment, hamest ijiem biss wara l-*email* mibghuta minn Angelic Mifsud lid-Dipartiment tad-Dwana fejn kien ikkonferma l-agenzija tas-socjeta' konvenuta, bl-ebda mod ma tista' titqies bhala bidla tal-agent mis-sid tal-bastiment mahsuba fil-proviso tal-Artikolu 13 tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti.[13]

20. Fir-rigward imbaghad tal-hames fatturi relattivi ghal bastiment Nor Al Mostafa Al Domiatty, il-bastiment Abou Adam Al Domiatty, il-bastiment MFV Manuel u l-bastiment Emad Bakir Aldumyati,[14] il-Qorti tqis li dawn il-fatturi ma humiex milquta bl-eccezzjoni imressqa mis-socjeta' konvenuta li tirrigwarda biss il-bastiment Lambusa III. Minkejja dan, fix-xhieda tieghu moghtija in kontro-ezami Angelic Mifsud jikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet ukoll agent ta' dawn il-bastimenti, hlief il-bastiment MFV Manuel li jghid li huwa taz-ziju tieghu.[15] A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tqis li l-kunsiderazzjonijiet maghmula fir-rigward tal-fatturi relattivi ghal bastiment Lambusa III huma wkoll applikabbli ghal dawn il-fatturi.

21. Ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti hija tal-konsiderata fehema illi s-socjeta' konvenuta agixxiet ta' agent tal-vapuri kollha indikati fil-fatturi mertu tal-kawza, u ma gabet ebda prova li l-ammonti mitluba mill-awtorita' attrici ma humiex dovuti minnha fil-kwalita' taghha ta' agent tal-imsemmija bastimenti.

22. Ghalhekk it-talba tal-awtorita' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ser tigi milqugha.

---

[12] Ara Dok AM9 a *fol.* 137 tal-process.
[13] Ara Dok AM7 a *fol.* 135 tal-process.
[14] Ara l-fatturi immarkati minn TC3 sa TC6 a *fol.* 33 sa 37 tal-process.
[15] Ara x-xhieda ta' Angelic Mifsud in kontro-ezami a *fol.* 112 tal-process.

**Konkluzjoni**

23. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

2. Konsegwentement tilqa’ t-talba tal-awtorita’ attrici, u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-awtorita’ attrici s-somma fl-ammont ta’ erbat elef hames mija u disa’ Euro u hamsa u erbghin centezmu (€4,509.45), bl-imghax mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tillibera lis-socjeta’ kjamata in kawza mit-talbiet attrici, salv kull dritt li jista’ jkun spettanti lis-socjeta konvenuta kontra s-socjeta’ kjamata in kawza.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 23 ta’ April 2012, ghandhom jigu subiti mis-socjeta’ konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**